**11 ta' Jannar, 1996**

**Imħallef:-**

**S.T.O. Joseph Said Pullicino B.A.(Hons.), LL.D. - President**

Mary Vella

*versus*

Mario Vella

## Separazzjoni - Alimenti - Kuntratt - Prinċipju ta' *Pacta Sunt Servanda*

*Il-Qorti ta' l-Appell ikkonfermat sentenza ta' l-Ewwel Qorti fejn din laqgħet it-talba attriċi għall-bilanċ ta' manteniment.*

*Riflessjonijiet interessanti tal-Qorti dwar il-prinċipju illi* nemo ad impossibilia tenetur *u dwar anke l-poter ta' l-Ewwel Qorti li tvarja l-manteniment.*

Il-Qorti:-

L-attriċi appellata b'avviż ippreżentat fit-18 ta' Novembru, 1994, **talbet**:

"Illi din il-Qorti tikkundanna lill-konvenut li jħallasha s-somma ta' mitejn u erbgħa u erbgħin lira u tmenin ċenteżmu (Lm244.80) rappreżentanti tnaqqis ta' Lm13.60 kull ħmistax-il ġurnata mill-1 ta' Awissu, 1992 sat-30 ta' April, 1993, mill-ammont ta' Lm50 kull ħmistax-il ġurnata li l-konvenut obbliga ruħu li jħallasha bħala manteniment għaliha u għal żewġ uliedha permezz tal-kuntratt tan-Nutar Marco Bonello tas-7 ta' Marzu, 1990. B'riserva għall-ammonti verjuri. Bl-ispejjeż, inklużi dawk ta' l-ittri uffiċjali tat-13 ta' Awissu, 1992 u tat-12 ta' ottubru, 1994 u bl-imgħax sal-pagament";

Il-konvenut appellant eċċepixxa illi:

"Illi t-talbiet attriċi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-konvenut qed iħallas regolarment u b'mod responsabbli l-manteniment dovut u dana skond id-dħul, liema dħul hu debitament iddikjarat u fil-fatt ivverifikat mill-attriċi stess;

Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-istess attriċi, minħabba l-kontinġenza ta' l-ewwel eċċezzjoni qed tiġi mħallsa regolarment mis-*Social Services* u dan peress li l-konvenut m'għandux minn fejn iħallas aktar";

Irriżulta mill-provi illi:

"L-attriċi hi legalment isseparata minn ma' żewġha permezz

ta' kuntratt in atti n-Nutar Marco Burlo' tas-7 ta' Marzu, 1990. F'paragrafu 6 ta' dan il-kuntratt il-konvenut intrabat li jissomministra lil martu u lil uliedu l-ammont ta' Lm50 kull ħmistax-il ġurnata rivedut skond iż-żieda fil-paga tiegħu. Jidher li kien hemm xi awment peress li l-attriċi kienet qed tirċievi Lm53 kull ħmistax direttament mill-*employer* tal-konvenut. B'ittra ddatata 31 ta' Lulju, 1992, **<u>*il-kumpannija infurmat lill-avukat ta' l-attriċi*</u>** *li l-*konvenut ma kienx ser jibqa' aktar fl-impjieg tagħha u b'dan issospenda jew naqqas l-ammont dovut lill-attriċi. Dan it-tnaqqis sar b'mod arbitrarju mingħajr ma l-konvenut irrekorra għall-awtorizzazzjoni mis-Sekond'Awla biex inaqqas il-manteniment";

Is-sentenza appellata ddeċidiet il-kawża billi laqgħet it-talbiet attriċi bl-ispejjeż kontra l-konvenut;

Il-Qorti Ċivili tal-Maġistrati (Malta) hekk ikkunsidrat:

"*Irrispettivament mir-raġunijiet mogħtija mill-konvenut dan* ma kellu ebda dritt jiddipartixxi mill-obbligazzjonijiet kuntrattwali tiegħu mingħajr l-awtorizzazzjoni meħtieġa. Il-kuntratt fuq imsemmi jawtorizza lill-attriċi li titlob iż-żieda iżda mhux tnaqqis u l-unika ċirkostanza fejn dan il-manteniment jista' jiġi sospiż hu jekk il-mara ssib xogħol *full time* - ħaġa li mhux il-każ. L-attriċi ppreżentat prospett tal-ħlasijiet li rċeviet bit-tnaqqis li l-konvenut għoġbu jagħmel. Il-Qorti ma tistax ma tissuspettax li l-konvenut irid jippika ma' martu bħal per eżempju dak it-tnaqqis ta' 40c minn kull pagament li l-konvenut stess kiteb li għamel biex jimpika. Jekk il-konvenut irid jitkessaħ aħjar ifittex band'oħra għax mill-Qorti żgur li mhux ser isib kenn";

Mhux ikkontestat u ppruvat b'kopja tagħha esebita fil-proċess

li l-kuntratt ta' separazzjoni **konsenswali** bejn il-kontendenti jipprovdi li l-manteniment bonarjament akkordat, li l-konvenut kellu jħallas lill-attriċi martu, għaliha u għal uliedhom minuri, "għandha (ir-retta alimentari) tiġi riveduta minn żmien għal żmien skond **iż-żieda** fil-paga tar-raġel maħduma, din **iż-żieda**, b'mod proporzjonali". Kif ġustament innotat l-Ewwel Qorti, il-kuntratt ma jikkontemplax reviżjoni minħabba tnaqqis fil-pagi imma biss f'każ u in vista ta' awment. Jipprovdi pero`, u ġustament, għas-sospensjoni tar-retta alimentari pagabbli lill-mara *proprio* - dik għall-minuri tibqa' dejjem dovuta kif miftiehem - jekk il-mara ssib impjieg *full time* u allura sakemm u fid-duranza li din il-mara tibqa' taħdem *full time*. Ċirkostanza din li mhix invokata mill-appellant. Altrimenti l-obbligu kuntrattwali li assuma volontarjament l-appellant jibqa' jinkombi fuqu u jista' biss jiġi mneħħi jew allevjat bi ftehim bejn il-kontraenti;

Huwa minnu li *ad impossibilia nemo tenetur*. Dan pero' biss f'ċirkostanzi l-aktar eċċezzjonali u ben ipprovati meta l-Qorti tkun għal kollox konvinta li ċ-ċirkostanzi ġodda mhux biss ikkaġunaw l-"impossibilita`" fis-sens reali u estrem tal-kelma, imma ukoll li tali ċirkostanzi kienu għal kollox inevitabbli u ma ġewx ipprovokati b'xi aġir tad-debitur. Sempliċi tibdil f'sitwazzjoni finanzjarja waħdu ma jagħtix id-dritt għar-reviżjoni ta' l-obbligu għall-ħlas ta' retta alimentari liberament assunt. Hu ċar li l-obbligazzjonijiet kontrattwali għandhom jiġu rispettati u osservati. Għalkemm hu minu li l-liġi llum ma tagħmel l-ebda distinzjoni bejn il-manteniment *ex lege*, jiġifieri dak determinat b'sentenza tal-Qorti, jew dak *ex contractu* in kwantu teżisti l-possibilita` ta' min hu obbligat li jħallas il-manteniment li "jitlob li jkun meħlus mill-obbligu jew ikun imnaqqas skond ma jkun il-każ", jekk jiġi fi stat li ma jkunx jista' jagħti aktar il-manteniment kollu jew biċċa minnu, (artikolu 21 (1)

ta' l-Att XXI ta' l-1993) jibqa' japplika dejjem il-prinċipju illi *pacta sunt servanda*. Dan ifisser li fil-każ ta' manteniment stabbilit *ex contractu*, il-kriterji li għandhom iwasslu lill-Qorti biex tvarja, u anke f'ċerti każijiet tissospendi, l-obbligu għall-manteniment, huma aktar riġidi u gravi minn dawk li tista' tapplika l-Qorti fil-każijiet fejn hi stess stabbiliet ir-retta alimentari mingħajr il-kunsens tal-konjuġi. Kien għal din ir-raġuni u f'dan il-kuntest li l-Qorti ta' l-Appell fil-kawża fl-ismijiet **Victoria Camilleri *vs* Mohammed Farag Abdul Karim**, deċiża fit-2 ta' Novembru, 1993 ħtiġilha tagħmel ir-rikjam għall-prinċipju ġenerali li ukoll jirregola l-interpretazzjoni tal-kuntratti li ħadd ma jista' jiġi tenut jagħmel l-impossibbli;

L-Ewwel Qorti ma ppronunzjatx b'mod ċar il-prinċipju li hi kellha d-dritt anke fil-każ in eżami li tvarja l-manteniment. Setgħet tat l-impressjoni li dan ma setgħetx tagħmlu minħabba l-enfasi li għamlet fuq il-fatt li l-manteniment kien stabbilit b'kuntratt. Pero' daqstant ma qalitx. Kienet pero', żgur korretta l-Ewwel Qorti fl-apprezzament li għamlet tar-relazzjonijiet teżi bejn il-kontendenti li ċertament ma jwassalx għall-konvinċiment illi r-raġel spiċċa mix-xogħol regolari li kellu minħabba raġunijiet għal kollox indipendenti mill-volonta' tiegħu jew li hu ma setax, għal dawn l-aħħar tliet snin jew aktar, jerġa' jsib xogħol li minnu jużufruwixxi l-istess paga. Id-diċitura ta' l-ittra ta' min kien iħaddem lill-appellant li bih ġie ċċertifikat li kien spiċċa mix-xogħol hi ukoll, biex wieħed jgħid l-anqas, mill-aktar ambigwa. "*We would like to inform you that Mr. Mario Vella ... __will terminate__ his employment as from Friday, 31st July, 1992*". Ma tingħata, u ma nġiebet l-ebda prova f'dawn il-proċeduri għaliex l-appellant spiċċa mix-xogħol, prova li kienet tispetta lill-appellant li kien mistenni jġib u jipproduċi l-aħjar prova f'dan ir-rigward. Meta l-appellant xehed kien daqstant ieħor

ambigwu. "Meta mbagħad jiena **ħriġt**, (donnu azzjoni volontarja) mill-impieg, ma bdejtx inħallas peress li ma kellix minn fejn";

Il-Qorti anke għalhekk ma tarax għax għandha tiddisturba l-apprezzament magħmul mill-Ewwel Qorti tal-komportament negattiv ta' l-appellant fil-konfront ta' martu u bħala tasal għall-konklużjoni li ma tara l-ebda impossibilita` li l-appellant jonora, kif dover tiegħu, l-obbligi minnu assunti fir-rigward tal-manteniment ta' martu u ta' uliedu;

Għal dawn il-motivi l-Qorti tiċħad l-appell, tikkonferma s-sentenza appellata bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellant.